**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 19 ta' Novembru 2023

**IR-REPUBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**OMISSIS,**
**Shardian Camilleri, u**
**Dominic Ozigbe**

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS** u ta' Shardian Camilleri ta' tletin (30) sena, iben Joseph Camilleri u Maria Carmela nee' Hili, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pietà nhar is-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u tnejn u disgħin (1992) u residenti ġewwa 6, Meadowlark, Triq Bieb is-Sultan, Ħaż-Żabbar u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 005593M, u ta' Dominic Oziegbe ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Oziegbe u Lucy, ta' nazzjonalità Niġerjana, mwieled Owira, nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u tmenin (1987) u residenti ġewwa 63, Flat 1, Triq La Sengle, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 9000570A, u f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġew akkużati talli fil-lejl ta' bejn is-sbatax

(17) u t-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), taħt Ġnien l-Argotti, il-Furjana, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li jikkomettu serq ta' *cables* u *wires* u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom, tali serq kien se jsir għad-dannu ta' Go Mobile PLC u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
*Artikoli* 41 *(l)(a),* 261 *(c)(j),* 267, *270,* 279 *(a), 280(1) tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), u dan għad-dannu ta' Go Mobile PLC u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
*Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

**Lil OMISSIS** waħdu nakkuzawh ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), taħt Ġnien 1- Argotti, il-Furjana, u/jew fi-bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer;

1. Naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Monica Vella, datat tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
*Artikolu* 579(2) *tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-Kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet mogħti mill-Imħallef Dott.

Consuelo Scerri Herrera datat 16 ta' Mejju elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u li permezz tiegħu huwa ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
*Artikolu* 579(2) *tal-Kapitolu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

4. U aktar kemm il-darba jinstab ħati ikun ikkommetta tali reati waqt perjodu ta' ordni ta' *probation* mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill- Maġistrat Dr. Joseph Mifsud permezz ta' sentenza deċiża fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u dan bi ksur tal-Artikoli 7 u 23 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għal-imsemmija reati, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat **OMISSIS** u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq,* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-uffiċjal prosekutur ippreżenta fost dokumenti oħra l-fedina penali tiegħu, kif ukoll kopja ta' rapport tal-Pulizija b'numru ta' referenza 1/POL/4082/2023, stqarrijiet ta' l-imputati, u stima tal-danni involuti maħruġa minn GO Mobile.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena

## A. Ikkunsidrat

Illi waqt is-seduta ta' nhar it-19 ta' Novembru 2023, quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta nqraw bil-ġurament l-akkużi mill-Uffiċjal Prosekutur, u wara li sar l-eżami l-imputati Shardian Camilleri u Dominic Oziegbe, huma ammettew l-imputazzjonijiet fil-konfront tagħhom, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputati stess, u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputati biex jerġaw jikkonsultaw mal-avukat tagħhom u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidraw l-ammissjoni mill-ġdid, l-imputati ikkonfermaw l-ammissjoni.

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom.

## B. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputati, l-fatt li huma kkoperaw mal-pulizija, li l-fedina penali netta tal-imputati, u għaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li sentenza karċerarja effettiva ma jkolliex l-effetti mixtieqa fir rigward tal-bilanċ bejn l-interessi tas-soċjeta u tar-riforma tagħhom, u mhix se teroga piena karċerarja effettiva.

## C. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli Artikoli 41 (l)(a), 261 (c)(j), 267, 270, 279 (a), 280(1) Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputati Shardian Camilleri, detentur tal-karta tal-identità bin-

numru 005593M, u Dominic Oziegbe, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 9000570A tikkonferma l-ħtija tagħhom u tikkundanhom sentejn (2) ħabs kull wieħed, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ħatja jiġu ttrattati permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din is-sentenza, il-ħatja jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza u wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jikkommettu reat ieħor punibbli b'piena ta' priġunerija.

Finalment il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 15A(1) tordna lill-ħatja jħallsu bħala kumpens tad-dannu soffert mill-vittmi is-somma elfejn mitejn wieħed u sittin ewro u tnejn u sebgħin ewro (€2,261.72) li fuq talba tal-ħatja, wara li rat l-Artikolu 15A(2) tagħti l-benefiċċju taż-żmien għal ħlas. Il-ħatja għaldaqstant għandhom iħallsu l-ammont ta' mitt ewro (€100) fix-xahar kull wieħed, fuq perjodu ta' erba' u għoxrin (24) xahar, bl-aħħar pagament jkun tal-bilanċ rimanenti mis-somma totali.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**